MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF ANTHONY ELLUL

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 498/2012

Lea **Tabone**

**Vs**

**Montaldo Insurance Agency Ltd ghan-nom u in rapprezentanza ta' Chartis Europe Limited u Hilary Vella**

Il-kawza titratta dwar incident tat-traffiku li sehh fid-9 ta' Lulju 2010 gewwa Triq il-Kostituzzjoni, Mosta. Il-konvenut Vella kien qieghed isuq il-vettura Renault Clio HWV007 u bi traskuragni u negligenza habat mal-vettura li kienet qeghda ssuq l-attrici (DBH527) u kkawza danni fil-vettura u fil-persuna taghha. Ghalhekk l-attrici talbet ghal dikjarazzjoni li l-konvenut Vella kien responsabbli ghall-incident, likwidazzjoni tad-danni u li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu.

Il-konvenuti wiegbu li:

1. kienu ilhom li ammettew it-tort ta' Vella ghall-incident u saru l-hlasijiet kollha necessarji ghas-saldu tal-hsarat li sofriet l-attrici.
2. M'hemmx danni x'jigu likwidati.
3. Ghal dak li jikkoncerna danni fuq il-persuna, l-attrici ghandha taghti prova tal-istess. F'dan ir-rigward ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni il-kundizzjonijiet medici li kellha l-attrici qabel sehh l-incident.
4. M'huwiex minnu li l-attrici sofriet debilita' permanenti.
5. M'hemmx danni x'jigu likwidati.

Il-kwistjoni hi limitata ghal likwidazzjoni tad-danni gialadarba hemm ammissjoni ta' responsabbilta'.

L-attrici twieldet fl-20 ta' Settembru 1973 (fol. 22). Fiz-zmien li sehh l-incident kienet qeghda tahdem fi spizerija bhala *"casual part-time shop assistant."* (fol. 23).

Skond ir-rapport imhejji mill-perit mediku Massimo Abela (fol. 69)[1], l-attrici qeghda tbati minn debilita' ta' **8%**. Fir-rapport jinghad:

*"Ma kienx hemm evidenza ta' ksur u ma kellix bzonn ta' operazzjonijiet. Ghadha tbati minn ugiegh f'ghonqha u hemm limitazzjoni fil-movimenti tal-ghonq. Ghadha tbati wkoll minn ugiegh fl-irkoppa tax-xellug. Ghalkemm l-ezami mediku ta' llum jista' jindika possibilment (li) hemm ticrita fil-cartilage (meniscus) tan-naha ta' barra (lateral meniscus), dan sal-gurnata ta' llum qatt ma gie investigat u Ms Tabone qatt ma kkonsultat Orthopaedic Surgeon ghal dan. MRI scan tal-irkoppa jista jikkonferma dan u f'dak il-kaz hemm possibilita' li tigi bzonn operazzjoni bl-istrument (arthroscopy) fuq l-irkoppa. Madankollu ma nista nara l-ebda raguni valida ghaliex Ms Tabone ghandha bzonn tuza bastun biex timxi hlief ghal fatt li hija tuzah minhabba l-multiple sclerosis li tbati minnha."* (fol. 48).

Fir-rigward tad-*damnum emergens*, wara li nghalaq il-gbir tal-provi u l-kawza thalliet ghas-sentenza, l-attrici pprezentat nota u dokumenti dwar spejjez li tghid li ghamlet in konnessjoni ma' xiri ta' medicini u kura minn fizjoterapista. Mill-atti lanqas ma jirrizulta li nghatat kopja tal-istess lid-difensur tal-konvenuti. Fil-fehma tal-qorti din m'hijiex il-procedura kif jitressqu l-provi. Inoltre m'hemmx prova medika dwar il-pilloli li jissemmew fid-dokumenti a fol. 78 u 79, fis-sens ghalfejn inghataw lilha. Dan apparti li fis-seduta tal-31 ta' Dicembru 2012 id-difensur tal-attrici iddikjara li l-ilment taghha kien biss mill-aspett tal-ortopedija (fol. 62), u sahansitra gie revokat l-inkarigu li kien inghata l-psikjatra Dr Anton Grech. Skond ir-rapport ta' Mr Massimo Abela, ghall-ugiegh f'ghonqha tiehu l-Catafast jew Voltaren. Il-konkluzjoni hi li d-dokumenti ma jistghux jigu kkunsidrati bhala prova.

Ghal dak li jirrigwarda:-

i) ***<u>damnum emergens</u>*** - il-qorti qeghda tillikwida s-somma ta' **€1,775** in kwantu ghal:-

(a) €125 – spiza tar-rapport tal-fizjoterapista (fol. 52);
(b) €350 – spiza tar-rapport ta' Dr Anthony Galea Debono u visti (fol. 37-39);
(c) €1000 – somma likwidata *arbitrio boni viri* ghall-fizjoterapija, dan meqjus dak li jinghad fir-rapporti tal-fizjoterapista (fol. 45-46 u 49-51).
(d) €300 – somma likwidata *arbitrio boni* viri ghal spejjez relatati ma' medicina minhabba ugiegh.

[1] Nominat mill-qorti b'digriet moghti waqt is-seduta tas-27 ta' Gunju 2012 (fol. 55).

ii) ***Lucrum cessans*** – fiz-zmien li sehh l-incident l-attrici kellha qliegh ta' Ewro 2,080. Il-principal taghha, Noel Attard, xehed: *"(....) on employing Ms Tabone on January 2010 the plan was that after 9 months of her employment, I had informed her that depending on her work performance, her employment would change from a casual part-timer to full-time Sales Girl with a minimum wage of 9500 Euroos gross puls a 3% commission on the toiletries sold by her...... If this accident had not occurred I would have definitely given her the opportunity for a full time sales girl as she is a very loyal and good dedicated worker. Unfortunately I could not give Ms Tabone the full employment opportunity due to her reduced peformance since the accident."* (fol. 26). F'dan ir-rigward il-qorti tosserva:

(a) M'hemmx prova medika li l-attrici m'hijiex kapaci tahdem *full-time* minhabba d-debilita' permanenti li sofriet fl-incident meritu tal-kawza;
(b) L-attrici sa minn qabel l-incident kellha l-*multiple sclerosis*. Il-perit mediku esprima l-fehma li l-uzu tal-bastun kien relatat ma' dik il-marda u mhux mal-incident meritu tal-kawza.
(c) Dak li xehed Noel Attard hu ferm differenti minn dak li xehedet l-attrici li qalet: *"Dak iz-zmien jien kont nahdem full time u kont naqla' cirka ghaxar elef euros (euros 10,000) u illum jiena qieghda nahdem sighat ridotti ghax ma nistax indum ix-xoghol jigifieri l-introjtu tieghi naqas sostanzjalment."*.

Meqjusa dawn ic-cirkostanzi l-qorti ser taghmel il-kalkoli fuq il-paga minima tas-sena 2010, cjoe' s-sena meta sehh l-incident = **€7,979.40**[2]. Ser tiehu wkoll in konsiderazzjoni zieda meqjus li hu mistenni li dan l-ammont jizdied matul is-snin. Ghalhekk il-kalkoli ser isir fuq disat elef u hames mitt ewro (€9,500). Ghalkemm hu minnu li l-attrici kienet, fi zmien tal-incident qeghda tahdem biss *part-time*, dan 'il fatt m'ghandux jippregudikaha. B'analogija wiehed jista' jikkunsidra l-kaz ta' mara tad-dar li ma tkunx impjegata u xogholha qieghed id-dar. Ghaldaqstant:-

€9,500 x 18 il-sena = €171,000 x 8% debilita permanenti = €13,680 – 20% (*lump sum payment*)[3] = ghaxart elef disa' mija u erba' u erbghin ewro **(€10,944).**

Ghal dawn il-motivi l-qorti tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsuha s-somma ta' **tnax-il elf seba' mija u dsatax-il ewro (€12,719)**, bl-imghax mil-lum u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

[2] Skond l-avviz legali 527 tal-2010, ghas-sena 2010 il-paga minima nazzjonali ghall-persuna maggorenni kienet ta' €153.45 fil-gimgha.

[3] Mhux ser jitnaqqas xi persentagg meqjus li l-attrici pprezenta l-kawza fit-18.5.2012 u s-sentenza finali qeghda tinghata f'inqas minn sentejn wara.

# < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------